**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 2**

**It-Tlieta, 7 ta’ Frar 2023**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Pettizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fis-4:55 p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippreseda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Katya de Giovanni kienu preżenti għal-laqgħa.

Preżenti wkoll kien hemm is-Sur Emanuel Caruana, is-Sur Mario Galea, Is-Sur Raymond Camilleri, Mario Pellicino u Sur. Joseph Brincat.

**MINUTI**

Il-Minuti tal-Laqgħa Nru 1 li saret fit-26 ta’ Ottubru 2023, ġew konfermati.

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Chris Agius, ippreżenta għall-informazzjoni tal-Kumitat:

| | |
|---|---|
| Dok. 04 | Lista ta’ Petizzjonijiet quddiem il-Kumitat u d-*draft replies* proposti |
| Dok. 05 | Lista ta' Petizzjonijiet quddiem il-Kumitat fejn għadha ma bdiext id-diskussjoni |

Il-Kumitat beda bid-diskussjoni ta’ Petizzjoni li kienet sottomessa mill-Onor. Ryan Callus rigward Uffiċjali tad-Dwana li soffrew inġustizzja. Il-President tal-Kumitat qara it-tieni risposta li l-Ministeru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal bagħat. L-Onor. Ivan Castillo irrimarka li l-call for application kienet ħarġet qabel id-data li liġi kienet ġiet effettiva. Żied ukoll li skont l-artiklu 6.1 tal-Convention of Human Rights, liġi retroattiva għandha tkun għal benefiċċju tal-individwu u mhux taħdem kontrih. Wara din id-diskussjoni, il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha tgħaddi lill-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet Soċjali biex ikun jista’ jidħol aktar fid-dettall tal-petizzjoni.

Rigward il-Petizzjoni Nru 1 (Legal Notice to clarify legal status of Cannabidiol (CBD) established through ACT No. LXVI of 2021) il-kumitat bagħat lill-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza u għadu qed jistenna risposta fuqha. Il-Kumitat qabel li għandha tintbagħat reminder lis-Segretarju Permenanti rigward din il-Petizzjoni.

Għall-Petizzjonijiet Nru 2 (Elderly Nursing Home - Valletta (Official Petition) u Nru 3 (Evans Building - Multi Functional Clinic and Childcare Centre), il-President qara t-tweġibiet li l-Kumitat rċieva mill-Ministeri kkonċernati u l-membri tal-kumitat qablu li dawn ir-rimarki kienu biżżejjed u setgħu jintbagħtu t-tweġibiet tagħhom lil petizzjonant u jiġu kkunsidrati bħala eżawriti.

Rigward Petizzjoni Nru 4 (Inġustizzja ma' pazjenti psikjatriċi), l-Onor. Chris Agius qara r-risposta u l-Onor. Katya de Giovanni rrimarkat li fit-tweġiba ma kienx hemm ikkonfermat jekk hux kull konsulenti għandux id-dritt tal-preskrizzjoni. Għaldaqstant, il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni għandha terġa' tgħaddi lill-Ministeru għas-Saħħa għal aktar rimarki u biex jiċċara t-tweġiba oriġinali.

Il-kumitat għadda għal Petizzjoni Nru 5 (Reviżjoni tal-bajjiet fejn jistgħu jgħumu l-klieb). Il-President tal-Kumitat qara t-tweġiba u l-Onor. Abigail Camilleri talbet jekk jistgħu jgħaddu t-tweġiba lura lill-Ministeru u l-kumitat jgħaddi rakkomandazzjonijiet biex jittieħdu in konsiderazzjoni. Ir-Rakkomdazzjoni tal-Onor. Abigail Camilleri kif ukoll tal-Onor. Ivan Castillo kienu fuq il-ħinijiet li l-annimali jistgħu jużaw il-bajjiet u jekk jistgħux jintużaw l-areas dedikati għad-dgħajjes. Il-Kumitat qabel biex terġa' tintbagħat lill-Ministeru biex jagħti aktar rimarki.

Għar-rigward ta' Petizzjonijiet Nru 6 u 7, il-Kumitat qabel li jintbagħtu reminders lill-Ministeri kkonċernati u fir-rigward tal-Petizzjoni Nru 8, il-kumitat għandu jgħaddi l-petizzjoni lill-Ministeri kkonċernati hekk kif il-Petizzjoni tagħlaq għall-firem.

Fit-5:24 p.m. il-Kumitat ġie aġġornat għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**